

Brussell, 22 ta' Marzu 2024
(OR. en)

8139/24

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0011(NLE)

SOC 230
EMPL 132
ANTIDISCRIM 47
GENDER 49
SAN 193
FREMP 163
ILO 10

NOTA PUNT "A"

minn:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.: 8139/24	
Suġġett:	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tistieden lill-Istati Membri jirratifikaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, il-Konvenzjoni dwar il-Vjolenza u l-Fastidju, 2019 (Nru 190) tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol - Adozzjoni

I. INTRODUZZJONI

1. Fit-22 ta' Jannar 2020, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal "Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Istati Membri biex jirratifikaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, il-Konvenzjoni dwar il-Vjolenza u l-Fastidju, 2019 (Nru 190) tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol"¹.

¹ Dokument 5442/20

2. Il-Konvenzjoni 190 dwar l-Eliminazzjoni tal-Vjolenza u l-Fastidju fid-Dinja tax-Xogħol² ("il-Konvenzjoni 190 tal-ILO") ġiet adottata fil-21 ta' Ġunju 2019, fil-108 sessjoni (iċ-ċentenarju) tal-Konferenza Internazzjonali dwar ix-Xogħol u ġiet akkumpanjata bir-Rakkomandazzjoni 206³. Din hija l-ewwel strument internazzjonali li jistabbilixxi standards speċifiċi u applikabbli globalment dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza u l-fastidju relatati max-xogħol.

II. ĦIDMA FIL-KUNSILL

3. Il-proposta ġiet eżaminata fil-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali (SQWP) f'ħames okkażjonijiet taħt il-Presidenza Kroata, dik Ġermaniża u dik Żvediża⁴.
4. Is-Servizz Legali tal-Kunsill wettaq analiżi tal-kompetenzi tal-UE b'rabta mal-Konvenzjoni 190 tal-ILO bil-ħsieb li jiġu identifikati toroq legalment vijabbli 'il quddiem rigward ir-ratifika tagħha.
5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti ("Coreper I") ittratta l-kwistjoni f'sitt okkażjonijiet⁵, u taħt il-Presidenza Żvediża, il-Kunsill (EPSCO) kellu wkoll skambju ta' fehmiet dwar dan il-fajl⁶.
6. Fit-18 ta' Settembru 2023, il-Kunsill (AGRIFISH) laħaq approċċ ġenerali⁷ taħt il-Presidenza Spanjola. Wara l-approċċ ġenerali, it-test għadda minn reviżjoni lingwistika kif jinsab fid-dok. 13106/23.

² Il-Konvenzjoni C190 - Il-Konvenzjoni dwar il-Vjolenza u l-Fastidju, 2019 (Nru 190) (ilo.org)

³ Ir-Rakkomandazzjoni R206 - Ir-Rakkomandazzjoni dwar il-Vjolenza u l-Fastidju, 2019 (Nru 206) (ilo.org)

⁴ Il-laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali tal-04/02/20, it-18/02/20, l-20/03/20, l-01/02/22 u l-31/1/23

⁵ Il-laqgħat tal-Coreper fil-11/03/20 (6771/20), id-09/12/20 (13993/20), it-18/12/20 (13995/20), it-8/03/23 (6684/23), id-19/04/23 (8079/1/23 REV 1) u d-19/07/23 (11811/23)

⁶ 13/03/23 (6685/23)

⁷ Dokumenti 12080/23 + ADD1 + ADD2

7. Fit-23 ta' Ottubru 2023, il-Kunsill (AGRIFISH) laħaq qbil fil-prinċipju dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill kif jinsab fid-dok. 13106/23 u ddeċieda li jfittex l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew⁸.
8. Fit-12 ta' Marzu 2024, il-Parlament Ewropew ta l-approvazzjoni tiegħu għal dan l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill.
9. Fl-20 ta' Marzu 2024, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti rrakkomanda li l-Kunsill jadotta l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss⁹.

III. KONKLUŻJONI

10. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kunsill huwa mistieden jadotta, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss, l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li tistieden lill-Istati Membri jirratifikaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, il-Konvenzjoni dwar il-Vjolenza u l-Fastidju, 2019 (Nru 190) tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, kif jinsab fid-dokument 13106/23.

⁸ Dokument 13190/23

⁹ CZ u EE jastjenu u BG, DK, FI, HU, SE u SK jivvotaw kontra.